## FIL-QORTI CIVILI

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 134/18 AGV**

A

vs

Dr.Yanika Camilleri u l-PL. Daniel Aquilina li b'digriet tal-11 ta' April, 2018 inhatru bhala kuraturi deputati ghall-assenti B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fl-24 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Gunju, 2002 u minn dan iz-zwieg ma kien hemm ebda wild.
2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba illi l-intima tabbanduna lil martu fejn wisq probabbli anke telaq minn dawn il-Gzejjer Maltin f'Dicembru, 2014.

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separate *de facto* ghal dawn l-ahhar snin u ghalhekk m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom.
4. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b'separazzjoni personali minn ma' zewgha, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 11 ta' April, 2018 ( kopja ta' liema digriet jinsabhawn esebit u mmarkat Dokument A).

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Ixxolji u tittermina l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi ukoll tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwis tmaghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti u dan kollu okkorrendo bl-opera ta'peritinominandi jekk ikun hemm il-htiega u bin-nomina ta' nutar sabiexj ippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnil-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal ragunijiet u tortijiet imputabbli eskluzzivament lill-intimat, li abbanduna lil martu snin ilu.
3. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonjiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;
5. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti;
6. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timpani huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Kuratur Deputat fejn eccepixxa;-

1. Illi l-Kuratur Deputat ghamel kuntatt mar-rikorrenti kif ukoll mal-Avukat tal-fiducja taghha tramite ittra legali datata 10 ta' Lulju, 2018 fejn talab lir-rikorrenti tghaddilu kwalunkwe informazzjoni li hija ghandha fir-rigward tal-persuna li l-Kuratur Deputat gie mahtur jirrapprezenta fil-procedur iodjerni permezz ta' digriet tal-11 ta' April, 2018. Kopja ta' din l-ittra qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "YC1."

2. Illi pero' sallum l-istess Kuratur Deputat ghad m'ghandux risposta sabiex jeccepixxi eccezzjonijiet ghat-talbiet rikorrenti u barra minn hekk mhuwiex edott bil-fatti tal-kaz.

3. Illi fl-eventwalita' li l-Kuratur Deputat jircievi risposta minghand ir-rikorrenti, ser jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti immedjatament u jekk ikun il-kaz jitlob l-awtorita' taghha sabiex jigu intavolati ecezzjonijiet tal-intimat.

Rat l-affidavit bl-Ingliz tar-rikorrenti, fejn spjegat li hi kienet ltaqghet mal-intimat fl-2001 u kienu zzewwgu fl-14 ta' Gunju, 2002 fid-Dudley Register Office, fil-Priory Hall, Priory Park, Dudley, United Kingdom. Ftit wara z-zwieg kienet indunat li l-intimat zewgha kien sakranazz u ppruvat tghinu billi haditu jattendi programm imhejji mill-Gvern, pero' dan ma serva ghal xejn ghax ftit wara rega' waqa' fil-vizzju tax-xorb. Tghid li kienu ghexu l-Ingilterra sas-sena 2010 u mbaghad irritornaw hawn Malta u tul dan iz-zmien kemm fl-Ingilterra, kemm f'Malta qatt ma kellhom il-post taghhom, dejjem kienu jikru.

Ir-rikorrenti tispjega kif hi kienet il-"*household breadwinner*" u kienet tiffinanzja kollox hi u sa fl-ahhar kienet spiccat mhux fizikament ezawrita, izda anke mentalment. Imbaghad fis-sena 2014 ma felhitx izjed u ddecidiet li trid tibda bil-proceduri ta' separazzjoni/divorzju. L-intima tkien abbanduna d-da rkonjugali f'Marzu, 2004 u mbaghad semghet li kien telaq minn Malta ghal kollox f'Dicembru, 2004.

Dwar id-dar matrimonjali, ir-rikorrent tikkonferma li qatt ma kienu proprjetarji ta' dar fejn kienu jghixu, izda kienu jikru appartament il-Qawra.

Dwar il-hlas ta’ manteniment, ir-rikorrenti kkonfermat illi kienet tahdem u ma kinitx qed tippretendi manteniment. Tfal ma kienx hemm miz-zwieg.

Dwar il-kommunjonji tal-akkwisti jghid li apparti li qatt ma kellhom dar matrimonjali, lanqas ma kellhom vetturi u lanqas qatt ma kellhom kontijiet bankarji in komun .Hi tghid li kellha l-kont bankarju taghha, izda qatt ma setghet iggemma’ ghax ma kelliex flus. Kien biss fl-2015 li beda jirnexxileha twarrab ftit flus tal-paga taghha.

Tikkonferma li ilhom ighixu sseparati sa minnMarzu, 2014 u ghalkemm ippruvat tghin lill-intimat, kien inutli, u dan wassal sabiex iz-zwieg taghhom falla.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti kkunsidrat li l-kontendenti ma kellhom ebda proprjeta’ jew assi immobbli jew mobbli ohra kemm parafernali kif ukoll tal-kommunjoni, ghajr ghal kont bankarju f’isem ir-rikorrenti. Ma kellhomx tfal anqas. Dan ifisser li ghall-finijiet ta’ likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kommunjoni ma jezisti xejn.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal akta rminn erba’ snin u danwara li l-intimat kien telaq mid-dar matrimonjali f’Marzu, 2004 u ghall-habta ta’ Dicembru, 2004 jidher li telaq minn Malta. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortit aqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti, minkejja li jidher li m’hemmx assi biex jigu llikwidati u assenjati.

2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66 A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.Tirriduci t-terminu ghall-appel lghall-gurnata.

3. Tilqa’ t-tielet talba, ir-raba’ u l-hames talba tar-rikorrenti.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-intimat.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**